.

# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 21 ta' Gunju, 2002**

**Numru 17**

**Cit. Nru. 465/02(F1) GCD**

**Citadel Insurance plc**

**vs**

**General Insurance Agency Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici lejn is-socjeta` attrici fis-somma ta' hamest elef, disa' mija u disa' liri u sittin centezmu (Lm5,909.60) rapprezentanti "premiums" fuq poloz ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta` attrici, liema "premiums" ingabru mis-socjeta` konvenuta ghan-nom tas-socjeta` attrici u baqghu ghandha mizmuma indebitament u illegalment;

Illi ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet interpellata thallas lis-socjeta` attrici dawn il-"premiums" hekk migbura, hija baqghet inadempjenti;

Illi l-imsemmi ammont huwa kreditu cert, likwidu u dovut, u, fil-fehma ta' l-istess socjeta` attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi, fil-fehma ta' l-istess socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta m'ghandha l-ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba ghall-hlas ta' l-imsemmi ammont (Dok. "A");

Talbet illi din il-Qorti:

1. tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh, ghall-finijiet ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hamest elef, disa' mija u disa' liri u sittin centezmi (Lm5,909.60) rapprezentanti "premiums" fuq poloz ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta` attrici, liema "premiums" ingabru mis-socjeta` konvenuta ghan-nom tas-

socjeta` attrici u baqghu ghandha mizmuma indebitament u illegalment.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment u bl-imghax dekorribbli skond il-ligi sa l-effettiv pagament kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Angela Tabone u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq.* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm